**QORTI CIVILI**
**(QORTI TAL-FAMILJA )**

**IMHALLEF ONOR. ANTHONY G. VELLA**

**Seduta tat-Tlieta 18 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru : 51/2018 AGV**

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Guramentat tal-attrici datat 1 ta' Marzu 2018 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat li :-

1. Il-mittenti kellha relazzjoni mal-konvenut CD u minn din ir-relazzjoni twieldet E fid- 9 ta' Jannar 2004 , kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn allegat, mmarkat Dok. A.

2. Illi l-imsemmija relazzjoni falliet u l-imsemmija wild komuni qed titrabba esklussivament mill-esponenti, filwaqt illi l-konvenut qatt ma jipprova jara lil imsemmija bintu minuri u ma jhallas ebda manteniment ghall-istess bint komuni.

3. Illi ghaldaqstant l-esponenti permezz ta' ittra datata 21 ta' Frar 2017, talbet lil din Onorabbli Qorti sabiex jindbew proceduri ta' medjazzjoni u sabiex jinhatar medjatur, izda din il-medjazzjoni ma kellix success u nghalqet permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, tat-22 ta' Novembru 2017 ( Digriet numru 2465/2017).

4. Illi essenzjalment l-intimat qatt ma hallas manteniment ghall-istess bint komuni u ma huwa jikkontribiwxxi xejn ghat-trobbija tal-imsemmija binthom fir-rigward tal-manteniment, l-edukazzjoni u s-sahha taghha, u dana minkejja li permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas- 6 ta' Novembru 2017, il-konvenut kien orndat ihallas manteniment mensili ta' 180 Ewro fix-xahar oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici.

5. Illi r-rikorrenti hija intitolata ghall-ghajnuna legali ( Digriet numru 16/2017) kif jidher mid-dokument hawn anness.

Illi r-rikorrenti taf b' dawn il-fatti hawn fuq dikjarat personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;-

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-imsemmija wild tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti. B' dana li l-konvenut jkollu access

ghall-imsemmija bint minorrenni Sharona, skont dawk il-modialitajiet illi dina l-Onorabbli Qorti, jidhirliha xierqa.

2. Tordna illi l-beneficcju u jew ghajnuna socjali li jkun pagabbli lill-minorrenni msemmija jigu ppercepiti mill-mittenti.

3. Tillikwida u tiffisssa u tordna lill-konvenut sabiex ihallas retta alimentarja, adegwata ghal-istess wild komuni, flimkien mal-ispejjez medici u edukattivi liema retta ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut, u riversibbli skont l-gholi tal-hajja liema retta alimentarja, ghandha tkun dovuta mid-data tat-twelid tal-istess binthom, E, sal lum, u li tista' tigi dovuta sad-data tas-sentenza finali, okkorrendo tiffissa l-modalitajiet kollha biex isir dan il-hlas.

4. Taghti d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha xierqa u opportuni skont ic-cirkostanzi u fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta ta' CD datata 14 ta' Dicembru 2018 fejn espona bir-rispett u kkonferma dan li gej :-**

1. Illi l-esponenti qed jaqbel illi kellu relazzjoni mar-rikorrenti u li minn din ir-relazzjoni twieldet tifla Sharona fid-disgha ta' Jannar 2004.

2. Illi huwa minnu li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, AB u CD falliet ghal ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti, izda l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti, huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

4. Illi huwa totalment invertier li l-imsemmija wild qed titrabba esklussivament mir-rikorrenti, filwaqt li l-konvenut qatt ma jipprova jara lil imsemmija bintu minuri, u ma hallas l-ebda alimenti ghall-istess bint komuni. Tant li fl- 2008, l-esponenti kien sahansitra ffirma skrittura privata fejn obbliga ruhu li jghaddilha mitt Ewro fix-xahar bhala manteniment ( Dok. A) u fil-fatt huwa qatt ma naqas milli jaghmel dan. Inoltre, l-esponenti, dejjem baqa' in kuntatt ma' bintu, u dejjem ipprovdilha dak kollu li kellha bzonn, tul dawn is-snin, inkluz hlas ta' uniformijiet, u visti tal-ghajnejn u dejjem ha interess f'bintu minuri u fl-edukazzjoni taghha. Illi inoltre' permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, tas- 6 ta' Settembru 2017, kemm il-manteniment kif ukoll l-ispejjez edukattivi u medici u l-access tal-minuri, gew regolati, u l-esponenti missier dejjem ottempora ruhu ma' dawn id-digrieti. Illi fil-fatt il-missier, ghandu relazzjoni tajba hafna ma' bintu E.

5. Illi kuntrarjament, ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-omm qed tonqos milli tiehu hsieb lil binthom b' mod adegwat u fil-fatt l-esponenti, missier huwa ferm ippreokkupat ghat-tifla minuri E.

6. Illi t-tifla E li appik taghlaq hmistax-il sena, tattendi l-iskola tal-Istat St Thomas Moore, Zejtun, u minkejja li l-missier kemm il-darba issuggerixxa attivitajiet extra kurrikulari ghal istess tifla, l-omm dejjem naqset milli tibghatha dawn l-attivitajiet. In oltre, l-omm tfallielha b' mod regolari, l-iskola, sabiex izzommha d-dar sabiex tehdilha hsieb lit-tarbija l-ohra, li ghandha minn missier differenti. Illi l-esponenti, dana jafu stante li hu juri interess u jkun irid jircevi l-informazzjoni kollha fuq edukazzjoni tat-tifla

u sfortunatament jircievi t-tahrikiet tal-iskola li t-tifla ma tkunx attendiet ghall-iskola. Minghajr raguni valida. Illi l-istess tifla qaltlu hija falliet l-iskola ghal dawn l-ahhar gimaghatejn, Illi f 'Mejju ta' din is-sena , it-tifla E ttiehdet l-Isptar mill-Pulizija peress li kienet fis-sakra. Dakinhar it-tifla kienet semmiet li xtaqet tmut u li kienet semmiet xi vjolenza domestika fid-dar tal-omm. Illi minhabba f' dan, il-Child and Young People Services, kienu rrakommandaw li t-tifla ghandha tara lil psikjatra Dr. Azzopardi u kienu ffissawlha l-appuntament ghas-26 ta' Settembru 2018, fl-12.45pm. Izda minkejja li l-missier kien offra sabiex jiehu lit-tifla ghal dan l-appuntament, l-omm insistiet li ser tohodha hi izda baqghet inadempjenti. Illi sahansitra f' Awwissu ta' din is-sena t-tifla anka harbet mid-dar ta' ommha.

7. Illi ghalhekk in vista tal-premess, u ghal ragunijiet ohra li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti, umilment jissottometti, li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri, stess li l-kura u l-kustodja ta' binthom E tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u konsegwentament it-talbiet tal-attrici, ghandom jigu michuda.

8. Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Illi l-konvenut ipprezenta Risposta ulterjuri fejn eccepixxa li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156b tal-Kap.16.

**KURA U KUSTODJA**

Dina l-Qorti tirrileva li mhix ser tikkunsidra t-talba fuq il-kura u kustodja u dan minhabba li sakemm tinghata dina s-sentenza se tkun maggorenni u ghalhekk ikun futili li tikkunsidra din it-talba.

**MANTENIMENT**

1. Il-konvenut jinnega dak li tishaq l-attrici u cioe' li qatt m'ghaddilha manteniment sakemm hareg id-digriet tal-Qorti, li ordnalu jhallas €180 fix-xahar u nofs l -ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-attrici tinsisti li sehemhu tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha da parti tal-konvenut ma kinux jithallsu. Kien ukoll hallas il-manteniment wara li kienu ghamlu skrittura fejn kien ighaddilha €30 kull gimaghtejn. Il-konvenut ighid li mid-data tal-iskrittura l-10 ta' Dicembru, 2008 dejjem hallas l-ammont ta' €23 fil-gimgha lill-attrici skond l-iskrittura. Mill-2004 wara li rrikonoxxa lit-tifla minuri kien ighaddi lill-attrici €50 fix-xahar u kien ihallas permezz tac-cekkijiet. Gieli hallas cash u dan minhabba li l-attrici ma riditx turi li kienet qed tircievi l-flus biex b'hekk setghet tapplika ghall-post tal-Gvern.

   L-attrici tichad li kienet titlob lill-konvenut sabiex ihallasha l-manteniment f'kontanti u dan peress li kienet tircievi beneficcji socjali u kienet qed tipprova tiehu post tal-Gvern.

   Tinnega ukoll li l-konvenut kien jixtri l-bzonnijiet tat-tarbija.

   Il-konvenut jinsisti li l-attrici qatt ma kienet qaltlu li ma kienx hallas u qatt fil-fatt m'ghamlet rapport.

   Il-konvenut jikkonferma li mill-2016 beda jhallas lill-attrici manteniment permezz ta' money order.

   **KONSIDERAZZJONIJIET**

**PRESKRIZZJONI Art.2156(b) TAL-KODICI CIVILI**

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili. L-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment minn meta twieldet binthom fid-9 ta' Jannar, 2004.

L-**Artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16** jipprovdi hekk:-

**2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

…. Omissis …

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

**IKKUNSIDRAT**

Bhala regola ġenerali tad-dritt, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili).

**Interruzzjoni tal-Preskrizzjoni**.

« In kwantu ghall-kawzi li jiksru l-preskrizzjoni, li huma rravvizati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2127 *et seq*. tal-Kodici Civili, huwa assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li una volta jkun gie stabbilit t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni u l-perkors taz-zmien statutorju, l-oneru tal-prova li tkun saret interuzzjoni tal-preskrizzjoni u

b'liema mod saret l-interruzzjoni, ma jispetta lil hadd hlief lill-attur, u in mankanza ta' tali prova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta. Ma jidhirx mis-sottomissjonijiet li ghamlet l-attrici fir-rigward, li d-difiza taghha kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi msejsa fuq l-interruzzjoni tal-perkors taz-zmien minhabba xi hlas akkont tal-manteniment da parti tal-konvenut, u baqghet ma ressqet ebda prova konkreta fir-rigward, ghalkemm mill-atti jirrizulta li f'xi zmien indeterminat il-konvenut kien ghamel xi pagamenti akkont tal-arretrati tal-manteniment.

Difatti l-Artikolu 2156(b) jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "***ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment.***" Naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni din tista' tigi kumbattuta b'success bil-prova ta' l-interruzzjoni taghha.

***"Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata."*** (**Vol. XIX P I p 5**). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur. Minbarra l-prova ta' l-interruzjoni l-attur ghandu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu mizuri ohra effikaci bhas-sospensjoni, ir-rinunzja, jew, addirittura, li l-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli. Ara fir-rigward id-decizjoni fl-imsmijiet "**Stuart G. Craig et –vs- George Mifsud et**", Appell, 27 ta' Marzu 1998 u r-rakkolta tas-sentenzi fiha kompendjata;

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**[1]:-

***"il-vera posizzjoni, f'kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilità, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII PII p621)."***

**<u>Sospensjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

**Artikolu 2123 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

***"Il-preskrizzjoni ma timxix -***

***(a) bejn ir-raġel u l-mara;***

***(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;............"***

« Fis-sentenza **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem**[2], gie applikat l-artikolu appena citat fis-sens illi l-preskrizzjoni ma timxix *inter alia*, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri.

---

[1] Appell Civili 92/97 deciza fit-22 ta' Gunju 2005.

6 Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002.

[2] Citaz. Nru. 533/2000 deciza 9 a' Dicembru, 2002.

Ghalkemm jigi osservat li l-attrici lanqas tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-invokazzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikoli appena msemmija, il-Qorti tqis li fir-rigward ghandha tikkunsidra jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ iwasslux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Ġaladarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-oppozizzjoni espressa tal-parti attrici, il-pozizzjoni legali korretta meta din tigi riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tal-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni b'mod generiku u minghajr qies tal-eccezzjonijiet ghar-regola dwar il-preskrizzjoni.[3] »

Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taz-zwieg, u dment li dan ghadu jissussisti, tezisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reciproci. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi f'dawk il-kazijiet fejn, stabbilit it-terminu preskrittiv u l-perkors taz-zmien applikabbli in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda fejn ma tkunx giet invokata s-sospensjoni tal-perkors taz-zmien, hija ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

---

[3] **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine** (1 ta' Lulju 1997) Appell Civili

minghajr ma tindaga hija stess minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi. Kif ritenut in propositu:-

***"Ghal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni nsibu li fis-sub-Titolu II tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-ligi telenka l-kazi meta preskrizzjoni hija sospiza billi ma timxix kontra l-assenti, l-wirt battal, bejn ir-ragel u l-mara, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri u kazi simili. Il-lista hija ezawrjenti u ma jidhirx, minn ebda provvedimenti fir-rigward, li l-legislatur halla xi poteri diskrezzjonali fil-gudikant."8***

Jinsab ulterjorment rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine**, illi:-

***"ghalhekk la l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' hames snin – anke kieku l-partijiet ma jghidu xejn – il-Qorti dejjem u f'kull kaz, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri u meta mhux awtorizzata mill-provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tichad l-eccezzjoni."*"[4]**

Ikkunsidrat

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ghandu dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez dovuti ghas-sahha u edukazzjoni. Il-Kodici

[4] AB vs CD 132/14 RGM deciza 31 ta' Mejju,. 2018

Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

***(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

***(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***

**Artikolu 19**

***(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.***

***(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.***

**Artikolu 54**

… omissis …

***(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom,***

***u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …***

***…omissis …"***

***[sottolinejar tal-Qorti]***

Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.

Madanakollu, hawnhekk irid jittiehed qies tal-fatt illi ghalkemm hija l-attrici, omm l-ulied, li qed tezercita l-azzjoni ghall-hlas ghall-manteniment, dan qieghda taghmlu ghaliex skont l-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaci li joqghodu wahedhom f'kawza bhala atturi jew bhala konvenuti. Izda l-ftehim bejn il-partijiet li r-ricevitur tal-manteniment dovut lill-ulied ghandha tkun l-attrici, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attrici huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bhala dritt moghti lilhom mil-ligi. Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni u fil-kaz odjern huwa wkoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment.

Madanakollu, kif gia` stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewgin. Ghalhekk, irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn d-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' wliedu minuri obbligat ghall-manteniment taghhom, kif ukoll bhala l-attrici li ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' wliedha, hija sospiza u ma timxix.

**« B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 1610 il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet kienet sospiza sakemm dak il-wild ghalaq l-eta` maggorenni. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta` maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut. »**

***"Il-preskrizzjoni mibdija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospensjoni taghha". »***[5]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li fid-data meta giet intavolata l-azzjoni odjerna mill-attrici, cioe` fl-1 ta' Marzu, 2018, it-tifla kienet ghadha minuri u ghalhekk isegwi li meta nfethet din il-kawza, bint il-partijiet kienet ghadha minorenni, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna t-talba ghall-hlas ghall-manteniment dovut lilhom rispettivament, ma tistax titqies li hija preskritta ghaliex il-

[5] AB vs CD 132/14 RGM deciza fil-31 ta' Mejju, 2018.

preskrizzjoni kienet ghadha lanqas bdiet miexja kontra l-minuri. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut ghal Sharona qed tigi michuda.

Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat jekk dawn l-arretrati ta' manteniment humiex dovuti mill-konvenut jew le. L-attrici pprezentat prospett, liema ammont qed jigu kkontestat mill-konvenut stante li jinsisti li kien dejjem hallas l-attrici in kontanti u dan minhabba li kienet titolbu jaghmel hekk peress li kienet tircievi l-beneficcji socjali u di piu' riedet tapplika ghall-post tal-Gvern.

L-attrici qed titlob diversi arretrati ta' manteniment, izda hija haga sorprendenti li mis-sena 2004 sallum l-attrici ma pprezentat ebda rikors , hlief fil-mori tal-kawza, fejn hareg digriet fl-2018, fejn il-Qorti ordnat il-manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €180 fix-xahar u nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Inoltre, il-partijiet kienu ffirmaw skrittura privata bejniethom fejn ftiehmu li l-konvenut kellu jhallas lill-attrici manteniment ghall-minuri. Ghal kull darba li l-attrici tinsisti li ma kienx hallas il-manteniment, l-attrici naqset li tipproduci xi rapport li setghet ghamlet mal-pulizija.

Inqas konvincenti hija l-verzjoni attrici meta jirrizulta, anke mir-rapport tal-Agenzija Appogg, li l-konvenut dejjem ipprova jkun missier tajjeb u jinvolvi ruhu f'hajjet bintu. Ipprova jinkoraggiha sabiex issib impjieg u kien anke jhallsilha biex tattendi lezzjonijiet,

izda jirrizulta li bint il-partijiet ghandha certu apatija fuqha u ma tantx tidher li hi disposta ssib impjieg fis.

Oltre minn hekk jirrizulta li fil-fatt, l-attrici akkwistat post tal-Gvern, kif alluda ghaliha l-konvenut. Il-konvenut anzi jinsisti li l-attrici bdiet tinsisti li jithallsu arretrati, kif tallega hi, wara li kellha tarbija minghand ragel iehor u ma kienx qed ighaddilha manteniment ghalih.

Ghaldaqstant, in-nuqqas ta' motivazzjoni da parti tal-attrici, li stenniet sakemm fethet il-kawza biex titlob li jithallas manteniment ghal bintha, il-fatt li l-konvenut jinsisti li dejjem hallas pero' kien dejjem hallas in kontanti u kien biss dan l-ahhar, wara li hareg id-digriet tal-Qorti li talab li jinhareg money order bhala prova tal-pagament.

Ghalhekk, il-verzjoni tal-konvenut hija l-iktar wahda kredibbli u ghandu jkompli jhallas manteniment skond id-digriet tal-6 ta' Novembru 2017, u dan sakemm it-tifla tibqa' tistudja full-time sal-eta' ta' 23 sena.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet u dan peress li sakemm tinghata s-sentenza, it-tifla tkun saret maggorenni ;

2. Tilqa’ t-tielet talba attrici in parte fis-sens li l-konvenut ghandu jhallas manteniment fl-ammont ta’ €180 fix-xahar sakemm it-tifla taghlaq l-eta’ ta’ 23 sena jekk tistudja full-time u nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha;

3. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Cettina Gauci-Registratur**